SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

11 ta' Lulju 2013 *

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Trasport — Żvilupp tal-linji tal-ferrovija Komunitarji — Direttiva 91/440/KEE — Artikolu 6(3) u Anness II — Direttiva 2001/14/KE — Artikolu 14(2) — Indipendenza tal-organu li lilu jiġi fdat l-eżerċizzju tal-funzjonijiet essenzjali"

Fil-Kawża C-412/11,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fil-5 ta' Awwissu 2011,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn J.-P. Keppenne u H. Støvlbæk, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, irrappreżentat minn C. Schiltz, bħala aġent,

konvenut,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, A. Borg Barthet (Relatur), E. Levits, J.-J. Kasel u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Diċembru 2012,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi ma ħax il-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżgura li l-entita li lilha ddeċieda li jafda l-eżerċizzju ta' funzjoni essenzjali, imsemmija fl-Artikolu 6(3) u fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE, tad-

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

29 ta' Lulju 1991, dwar l-iżvulupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 341), kif emendata bid-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 315, p. 44, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/440"), kif ukoll l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 404), kif emendata bid-Direttiva 2007/58, tkun indipendenti mill-impriża li tipprovdi s-servizzi ta' trasport ferrovjarju, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

2 Tliet direttivi ġew adottati, fi Frar 2001, sabiex iħeġġu mill-ġdid it-trasport ferrovjarju, billi jiftħuħ progressivament għall-kompetizzjoni fil-livell Ewropew, jiġifieri d-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, li temenda d-Direttiva 91/440 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 376), id-Direttiva 2001/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE dwar l-għoti ta' liċenzji għal impriżi ferrovjarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 401), u d-Direttiva 2001/14 (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien l-"ewwel pakkett ferrovjarji").

Id-Direttiva 91/440

3 L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440 jistipula:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jagħmlu ċert li l-funzjonijiet li jiddeterminaw aċċess ekwu u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura, elenkati fl-Anness II, jkunu fdati lill-korpi jew lid-ditti li ma jipprovdux huma stess xi servizzi ta' trasport ferrovjarju. Irrispettivament mill-istrutturi organizzattivi, irid jinwera li dan l-oġġettiv jkun inkiseb.

L-Istati Membri jistgħu, madanakollu, jassennjaw lill-impriżi ferrovjarji jew lil kwalunkwe korp ieħor il-ġbir tal-ħlasijiet u r-responsabbiltà ta' l-amministrazzjoni ta' l-infrastruttura ferrovjarja, bħall-investiment, il-manutenzjoni u l-iffinanzjar."

4 L-Anness II ta' din id-direttiva kien miktub kif ġej:

"Lista tal-funzjonijiet essenzjali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 6(3):

— preparazzjoni u teħid tad-deċiżjonijiet irrelatati ma' l-illiċenzjar ta' impriżi ferrovjarji inklużi l-għoti ta' liċenzi individwali,

— it-teħid ta' deċiżjonijiet irrelatati ma' l-allokazzjoni ta' passaġġi [binarji] inklużi kemm id-definizzjoni kif ukoll l-evalwazzjoni tad-disponibbiltà u l-allokazzjoni ta' passaġġi tal-ferrovija [binarji] individwali,

— it-teħid ta' deċiżjonijiet marbuta ma' l-iċċarġjar ta' l-infrastruttura,

— l-osservanza tas-sorveljanza ta' l-obbligi tas-servizz pubbliku meħtieġa fil-provvista ta' ċerti servizzi."

Id-Direttiva 2001/14

5 l-Artikolu 14(1) u (2) tad-Direttiva 2001/14 kienu jipprovdu:

"L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu qafas għall-allokazzjoni ta' kapaċità infrastrutturali filwaqt li jirrispettaw l-indipendenza amministrattiva stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva [91/440]. Regoli speċifiċi ta' allokazzjoni ta' kapaċità għandhom jiġu stabbiliti. L-amministratur infrastrutturali għandu jwettaq il-proċessi ta' l-allokazzjoni tal-kapaċità. Partikolarment, l-amministratur ta' l-infrastruttura għandu jassigura li l-kapaċità infrastrutturali tiġi allokata fuq bażi ġusta u non-diskriminatorja u skond il-liġi Komunitarja.

2. Meta l-amministratur ta' l-infrastruttura, fil-forma legali, l-organizzazzjoni jew fil-funzjonijiet tiegħu ta' teħid tad-deċiżjonijiet, mhuwiex indipendenti minn kull impriża tal-ferroviji, il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u deskritti f' dan il-Kapitolu għandhom jitwettqu minn korp ta' allokazzjoni li hu huwa indipendenti fil-forma legali, l-organizzazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu minn kull impriża tal-ferroviji."

6 L-Artikolu 29 ta' din id-direttiva kien jipprevedi:

"1. F'każ ta' disturbanza għall-movimenti tal-ferroviji kkawżati minn ħsarat tekniċi jew inċidenti, l-amministratur ta' l-infrastruttura għandu jieħu l-passi kollha neċessarji biex iraġġa' lura s-sitwazzjoni normali. Għal dak l-iskop, għandu jfassal pjan ta' kontinġenza li jelenka l-korpi pubbliċi varji li għandhom jiġu informati fil-każ ta' inċidenti serji jew disturbi serji għall-movimenti tal-ferroviji.

2. F'emerġenza u meta assolutament neċessarju minħabba ħsara li trendi l-infrastruttura temporanjament mhux utilizzabbli, it-toroq [il-binarji] allokati jistgħu jiġu rtirati mingħajr twissija għal kemm ikun meħtieġ biex tissewwa s-sistema.

L-amministratur ta' l-infrastruttura jista', jekk iqis dan neċesarju, jeħtieġ lill-impriżi tal-ferroviji biex jagħmlu disponibbli lilu r-riżorsi li huwa jħoss huma l-aktar approprjati biex jirrestawraw is-sitwazzjoni normali mill-aktar fis possibbli.

3. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu lill-impriżi tal-ferroviji li jiġu involuti fl-assigurazzjoni ta' l-infurzar u l-monitoraġġ tal-konformità proprja dwar l-istandards u r-regoli tas-sigurtà."

Id-dritt Lussemburgiż

7 Il-liġi tat-22 ta' Lulju 2009 dwar is-sigurtà ferrovjarja (*Mémorial* A 2009, p. 2465) li għandha bħala għan, li tistabbilixxi l-amministrazzjoni tal-linji tal-ferrovija (iktar 'il quddiem l-"ALF") tipprevedi li din tal-aħħar hija responsabbli mill-funzjonijiet essenzjali ta'allokazzjoni ta' kapaċità (allokazzjoni ta' binarji) u tat-tariffi.

8 Il-liġi tal-11 ta' Ġunju 1999 dwar l-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja u għall-użu tagħha (*Mémorial* A 1999, p. 1794), kif emendata bil-liġi tat-3 ta' Awwissu 2010 (*Mémorial* A 2010, p. 2194), tipprovdi:

"Il-missjoni ta' allokazzjoni tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura tal-ferroviji hija fdata lil organu ta' allokazzjoni li l-funzjoni tiegħu hija responsabbiltà tal-[ALF]."

9 Id-dokument ta' referenza tan-netwerk tat-23 ta' Diċembru 2010 (iktar 'il quddiem id-"DRN") jipprevedi fil-punt 4.8.2, intitolat "Ġestjoni tat-traffiku fil-każ ta' tfixil":

"Ir-regolazzjoni operattiva titwettaq mill-[u]ffiċċju [tas-servizz ta' ġestjoni tan-netwerk (iktar 'il quddiem is-"SĠN") tas-Société nationale des chemins de fer luxembourgeois (iktar 'il quddiem iċ-"CFL")]. Il-prinċipji u l-proċedura tagħha japplikaw għal kull ċirkulazzjoni meta ċirkulazzjoni ma tkunx tista' tikkonforma mal-iskeda tagħha inizjalment prevista. Ħief fil-każ ta' ekwivoku, binarju ġdid ma huwiex assenjat għal ċirkulazzjoni li tkun damet matul l-istess jum. F'ebda każ l-[u]ffiċċju ma jassenja dan il-binarju ġdid. Jekk ikun il-każ, ir-rwol tiegħu ikun limitat għall-funzjoni ta' intermedjarju għal ordni ġdida tal-UI [utent tal-infrastruttura] mal-[ALF]."

10 Il-punt 4.8.3 tad-DRN huwa miktub kif ġej:

"Jekk it-tfixkil u l-miżuri korrettivi korrispondenti jaffettwaw impriża ferrovjarja waħda mingħajr ma jinterferixxu mal-kapaċità ta' infrastruttura rriżervata mill-impriżi ferrovjarji l-oħra, il-miżuri korrettivi għandhom jiġu stabbiliti b'konsultazzjoni mal-impriża ferrovjarja inkwistjoni.

Meta t-tfixkil u l-miżuri korrettivi korrispondenti jaffettwaw iktar minn impriża ferrovjarja waħda, l-[ALF] ser tipprova tiffissa l-miżuri korrettivi l-iktar kmieni possibbli u billi tinnegozja mal-impriżi ferrovjarji kkonċernati kollha."

11 Il-punt 4.8.4 tad-DRN jipprovdi:

"Fil-każ ta' tfixkil imprevist taċ-ċirkulazzjoni tal-ferroviji kkawżat minħabba ħsara teknika jew minħabba inċident, l-amministratur tal-infrastruttura għandu jieħu l-passi neċessarji kollha biex jiżgura li li s-sitwazzjoni terġa' tiġi normali. B'mod partikolari, huwa għandu japplika l-proċeduri tar-RGE [Règlement Général de l'Exploitation Technique] previsti fil-każ ta' inċidenti u ta' aċċidenti.

Fil-każ ta' urġenza u ta' neċessità assoluta, b'mod partikolari fil-każ ta' aċċidenti, ta' ħsara li tagħmel l-infrastruttura momentarjament inutilizzabbli jew kwalunkwe ħaġa oħra li timpedixxi l-użu tal-infrastruttura f'kundizzjonijiet normali ta' sigurtà, il-binarji allokati jistgħu jitwaqqfu mingħajr preavviż matul iż-żmien neċessarju għat-tiswija tal-installazzjoni jew sabiex jintemm il-fatt li ħoloq il-waqfien tal-ċirkulazzjonijiet.

L-[ALF] tassenja kapaċità alternattiva li tikkorrispondi l-aħjar possibbli mal-ispeċifikazzjonijiet tal-impriżi ferrovjarji kkonċernati.

Jekk iqis li jkun il-każ, l-amministratur tal-infrastruttura jista' jeħtieġ mill-impriżi ferrovjarji li huma jipprovdu fir-rigward tiegħu il-mezzi li jidhirlu li huma l-iktar xierqa sabiex is-sitwazzjoni normali tiġi stabbilita mill-ġdid fl-aħjar termini jew jimplementa l-miżuri tiegħu stess ta' għajnuna u ta' rkupru L-ispejjeż li jirriżultaw minn dan ser ikunu r-responsabbiltà tal-parti li toħloq it-tfixkil."

Il-proċedura prekontenzjuża

12 B'ittra tas-26 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu sabiex jikkonforma ruħu mad-direttivi tal-ewwel pakkett ferrovjarju. L-imsemmi Stat Membru wieġeb għal din l-ittra ta' intimazzjoni permezz ta' ittra tas-27 ta' Awwissu 2008.

13 B'ittra tad-9 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni indirizzat lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu opinjoni motivata li fiha hija sostniet li l-miżuri li huwa kien adotta sabiex tiġi żgurata t-traspożizzjoni tal-Artikolu 6(3) u tal-Anness II tad-Direttiva 91/440, kif ukoll tal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2001/14, kienu insuffiċjenti f'dak li jikkonċerna l-indipendenza tal-entitajiet li lilhom ġew fdati l-funzjonijiet essenzjali. F'din l-opinjoni motivata, il-Kummissjoni lmentat ukoll li dan l-Istat

Membru ma ħax il-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu fil-qasam ta' tariffi għall-aċċess għall-infrastrutturi ferrovjarji msemmija fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/14 kif ukoll fl-Artikolu 10(7) tad-Direttiva 91/440. Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu kien ukoll naqas milli jwettaq l-obbligu tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 30(1), (4) u (5) tad-Direttiva 2001/14, dwar l-organu ta' kontroll ferrovjarju.

14 B'ittri tal-24 ta' Diċembru 2009 u tad-29 ta' Marzu 2010, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu wieġeb għal din l-opinjoni motivata billi ttrażmetta lill-Kummissjoni t-test tar-regolament Gran Dukali tas-27 ta' Frar 2010, dwar is-sistema ta' titjib tat-twettiq tan-netwerk ferrovjarju.

15 B'ittra tal-15 ta' April 2010, il-Kummissjoni bagħtet lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu talba għal informazzjoni, li dan tal-aħħar wieġeb għaliha fis-26 ta' April u fis-16 ta' Awwissu 2010.

16 B'ittra tal-25 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni indirizzat lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu opinjoni motivata addizzjonali li permezz tagħha, fir-rigward tal-iżvilupp tal-kuntest leġiżlattiv nazzjonali sa minn meta ntbagħtet l-opinjoni motivata tad-9 ta' Ottubru 2009, hija rrestinġiet il-portata tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu akkużat fir-rigward tal-Artikolu 6(3) u tal-Anness II tad-Direttiva 91/440 kif ukoll fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2001/14, dwar l-indipendenza tal-organu responsabbli mill-funzjonijiet essenzjali, jiġifieri l-ALF. Il-Kummissjoni għalhekk stiednet lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu sabiex jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu f'terminu ta' xahrejn minn meta jirċievi din l-opinjoni motivata addizzjonali.

17 B'ittra tat-3 ta' Frar 2011, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu wieġeb għal din l-opinjoni motivata addizzjonali.

18 Billi ma kinitx issodisfatta bit-tweġiba tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

Fuq ir-rikors

L-argumenti tal-partijiet

19 Il-Kummissjoni ssostni li d-Direttiva 91/440 teħtieġ li l-funzjonijiet ta' allokazzjoni tal-kapaċità ferrovjarja, b'mod partikolari, jiġu żgurati minn organi indipendenti. Fil-fatt, it-tieni inċiż tal-Anness II ta' din id-direttiva jipprevedi li fost in-numru ta' funzjonijiet essenzjali "it-teħid ta' deċiżjonijiet irrelatati ma' l-allokazzjoni ta' passaġġi [binarji] inklużi kemm id-definizzjoni kif ukoll l-evalwazzjoni tad-disponibbiltà u l-allokazzjoni ta' passaġġi tal-ferrovija [binarji] individwali". L-Anness II għalhekk ma jagħmilx differenza bejn it-tipi differenti ta' allokazzjoni ta' binarji. Sa fejn l-organizzazzjoni ta' binarji tal-ferrovija taqa' taħt ir-regolazzjoni operattiva tat-traffiku u hija marbuta fil-qrib magħha, dan ir-regolament għandu jiġi inkluż fil-funzjonijiet essenzjali u għalhekk għandu jsir minn entità indipendenti tal-impriża ferrovjarja.

20 Skont il-Kummissjoni, għalkemm l-ALF, li twettaq l-allokazzjoni ta' binarji hija tassew organu indipendenti taċ-CFL, xorta jibqa' l-fatt li din tal-aħħar hija responsabbli minn ċerti funzjonijiet essenzjali fil-qasam ta' allokazzjoni tal-binarji.

21 Il-Kummissjoni tikkunsidra, fid-dawl tal-indikazzjonijiet ipprovduti mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, li, fil-każ ta' tfixkil tat-traffiku, l-allokazzjoni tal-binarji tibqa' ssir minn servizz taċ-CFL, jiġifieri l-SĠR, mingħajr ma dan tal-aħħar ikun indipendenti mill-partijiet li joperaw servizzi ta' trasport ferrovjarju.

22 Il-Kummissjoni tqis li, fil-każ ta' tfixkil tat-traffiku, l-iskeda normali ffissata mill-ALF ma tistax tiġi osservata peress illi l-ħinijiet iffissati fl-iskeda jkunu diġà għaddew u li allokazzjoni ġdida tal-ħinijiet għall-operaturi li jistennew sakemm imisshom issir neċessarja. Hija tikkunsidra li tali assenjazzjoni mill-ġdid tikkostitwixxi neċessarjament allokazzjoni tal-binarji. Issa, skont il-leġiżlazzjoni Lussemburgiża, din l-allokazzjoni mill-ġdid tista' sseħħ biss permezz tal-ġestjoni tat-traffiku, imwettaq miċ-CFL, li jagħti għaldaqstant lil din rwol fl-allokazzjoni tal-kapaċitajiet ferrovjarji li jmur kontra r-rekwiżiti tad-Direttiva 2001/14.

23 Il-Kummissjoni tqis li l-eżerċizzju tal-funzjoni essenzjali tal-allokazzjoni tal-binarji jeħtieġ li ċ-CFL tissottometti għar-rekwiżiti ta' indipendenza li jirriżultaw mill-ewwel pakkett ferrovjarju. Issa, ebda miżura intiża li tiżgura din l-indipendenza ma ġiet implementata fi ħdan iċ-CFL sabiex tissepara, mill-aspett legali, organizzattiv u deċiżjonali, il-partijiet li għandhom responsabbiltà tal-funzjonijiet essenzjali u dawk li jamministraw is-servizzi ta' trasport ferrovjarju. Dawn il-funzjonijiet għandhom għalhekk jiġu ttrasferiti lill-ALF.

24 Il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2001/14 ma jikkostitwixxix *lex specialis* li tidderoga r-regola ġenerali. Fil-fatt, skont l-Artikolu 14(2) ta' din id-direttiva, l-obbligu ta' indipendenza li huwa impost fuq l-organu ta' tqassim japplika għall-funzjonijiet kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta dan l-Artikolu 14 u deskritti fil-Kapitolu III tal-istess direttiva, inkluż l-Artikolu 29 tagħha.

25 Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-emendi li saru wara mid-DRN, adottata sussegwentement għat-terminu ffissat fl-opinjoni motivata, ma humiex suffiċjenti sabiex itemmu dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

26 Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu jqis, fir-risposta tiegħu li, minkejja l-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ hija konformi mat-termini u mal-ispirtu tad-Direttiva 2001/14, madankollu hija ġiet adattata, wara l-preżentazzjoni ta' dan ir-rikors, b'mod li jiġi eliminat kwalunkwe dubju dwar eventwali nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, id-DRN kienet ġiet emendata b'mod li l-allokazzjoni tal-binarji ġdida, fil-każ ta' tfixkil, tiġi ttrasferita wkoll lill-ALF, u għalhekk is-SĠR ma huwiex iktar implikat, ħaġa li tiggarantixxi aċċess ekwu u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura.

27 Fil-kontroreplika tiegħu, dan l-Istat Membru jsostni li d-DRN għal darba' oħra ġiet emendata, b'effett mill-1 ta' Jannar 2012, u li sadanittant kienet tissodisfa r-rekwiżiti tal-Kummissjoni billi tipprevedi li, fil-każ ta' tfixkil imprevist, binarji ġodda huma allokati mill-ALF.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

28 Permezz tal-uniku lment tagħha, il-Kummissjoni takkuża lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu li naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440, moqri flimkien mal-Anness II tagħha, u l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2001/14, peress illi, fil-Lussemburgu, minkejja li l-ALF hija organu indipendenti taċ-CFL li, fir-rigward tagħha, tiżgura l-funzjonijiet ta' amministratur tal-infrastruttura kif ukoll l-operat tas-servizzi ferrovjarji, din tal-aħħar xorta tibqa' inkarigata minn ċerti funzjonijiet essenzjali fil-qasam ta' allokazzjoni ta' binarji peress illi, fil-każ ta' tfixkil tat-traffiku, l-allokazzjoni mill-ġdid ta' binarji hija fdata lil servizz li jagħmel parti miċ-CFL, jiġifieri s-SĠR, u li ma huwiex indipendenti minnhom fil-livell legali, organizzattiv u deċiżjonali.

29 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li l-Gran Dukat tal-Lussemburgu jsostni li t-traspożizzjoni tad-Direttiva 2001/14 intlaħqet kompletament mal-adozzjoni tad-DRN li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2011 u li ġiet emendata fl-1 ta' Jannar 2012.

30 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata skont is-sitwazzjoni tal-Istat Membru kif kienet ippreżentata fi tmiem it-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata u l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tieħu inkunsiderazzjoni bidliet li jkunu seħħew wara (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Novembru 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-48/10, Ġabra p. I-151, punt 30, u tal-5 ta' Mejju 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-206/10, Ġabra p. I-3573, punt 25).

31 Għalhekk din id-DRN u l-emenda tagħha li kienu ġew adottati sussegwentement għat-tmiem it-terminu mogħti mill-Kummissjoni fl-opinjoni motivata addizzjonali tagħha tal-25 ta' Novembru 2010 ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-fondatezza ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

32 Fuq il-mertu, għandu jitfakkar li d-Direttiva 91/440 bdiet il-liberalizzazzjoni tat-trasport ferrovjarju billi kienet intiża li tiżgura aċċess ekwu u mhux diskriminatorju tal-impriżi ferrovjarji għall-infrastruttura. Sabiex jiggarantixxi tali aċċess l-ewwel subparagrafu l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440 stabbilixxa li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw ruħhom li l-funzjonijiet essenzjali elenkati fl-Anness II ta' din id-direttiva jiġu fdati lil entitajiet jew impriżi li ma humiex huma stess fornituri ta' servizzi ta' trasport ferrovjarju, u dan b'mod probatorju, indipendentement mill-istrutturi organizzattivi previsti.

33 Skont l-Anness II tad-Direttiva 91/440, huma kkunsidrati bħala funzjonijiet essenzjali, fis-sens tal-Artikolu 6(3) tagħha, il-preparazzjoni u l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-ħruġ ta' liċenzji għall-impriżi ferrovjarji, l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-allokazzjoni ta' binarji, inkluża d-definizzjoni u l-evalwazzjoni tad-disponibbiltà tagħhom, kif ukoll l-allokazzjoni ta' binarji individwali, l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw it-tariffi tal-infrastruttura u l-kontroll tal-osservanza tal-obbligi ta' servizz pubbliku meħtieġa għall-provvista ta' ċerti servizzi.

34 F'dan il-każ, għandu jitfakkar li, fil-każ ta' tfixkil tat-traffiku jew ta' perikolu, l-adozzjoni ta' miżuri neċessarji għall-istabbiliment mill-ġdid tal-kundizzjonijiet normali ta' ċirkulazzjoni, inkluż it-tneħħija tal-binarji, ma taqax taħt l-allokazzjoni tal-binarji (ara s-sentenza tat-28 ta' Frar 2013, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-473/10, punti 56 u 59).

35 Fil-fatt, l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2001/14 jipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri neċessarji intiżi sabiex iwieġbu għal sitwazzjoni ta' tfixkil taċ-ċirkulazzjoni minħabba nuqqas tekniku jew ta' inċident kif ukoll sitwazzjoni ta' urġenza u ta' neċessità assoluta, immotivata minn nuqqas li jrendi l-infrastruttura momentarjament inutilizzabbli (sentenza Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, iċċitata iktar 'il fuq, punt 57).

36 Għandu jiġi kkonstatat li din id-dispożizzjoni tinkludi miżuri speċifiċi u neċessarji li għandhom jittieħdu fil-każ ta' tfixkil taċ-ċirkulazzjoni tal-ferroviji bil-għan li jiġu stabbiliti mill-ġdid, għal raġunijiet ta' sigurtà, kundizzjonijiet normali ta' ċirkulazzjoni, kuntrarjament għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva 2001/14 li jikkonċernaw l-istabbiliment tal-iskeda ta' ħinijiet u l-allokazzjoni ta' binarji individwali *ad hoc*. Il-miżuri adottati skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2001/14 ma jistgħux għaldaqstant jitqiesu bħala li jikkonċernaw direttament il-funzjoni essenzjali ta' allokazzjoni tal-binarji fis-sens tal-Artikolu 14(2) tal-istess direttiva, funzjoni li għandha tiġi fdata lil organu ta' allokazzjoni indipendenti. Dan jirrigwarda, barra minn hekk, miżuri *ad hoc* li għandhom jiġu adottati fl-urġenza sabiex tintlaqa' sitwazzjoni partikolari u jiġi żgurat li d-drittijiet għall-kapaċità fil-forma ta' binarji jistgħu effettivament jiġu eżerċitati mill-benefiċjarju, skont l-iskeda ta' servizz (sentenza Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, iċċitata iktar 'il fuq, punt 59).

37 Għalhekk, l-adozzjoni ta' tali miżuri taqa' taħt il-ġestjoni tat-traffiku u ma hijiex suġġetta għar-rekwiżit ta' indipendenza, b'mod li amministratur tal-infrastruttura li huwa simultanjament impriża ferrovjarja jista' jiġi fdat tali funzjonijiet.

38 Madankollu, hekk kif jirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 24 tal-konklużjonijiet tiegħu, li jirreferi, rispettivament, għall-punti 67 u 44 tal-konklużjonijiet li huwa ppreżenta fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, iċċitata iktar 'il fuq, u tal-11 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni vs Is-Slovenja (C-627/10, minkejja li l-waqfien tal-binarji fil-każ ta' tfixkil tat-traffiku ma huwiex ikkunsidrat bħala funzjoni essenzjali, l-allokazzjoni ġdida tagħhom għandha, fir-rigward tagħha, tiġi kkunsidrata bħala li tagħmel parti mill-funzjonijiet essenzjali li jistgħu jiġu eżerċitati biss minn amministratur indipendenti jew minn organu ta' allokazzjoni peress illi, kuntrarjament għall-ġestjoni ta' traffiku li ma jimplikax li jittieħdu deċiżjonijiet fis-sens tal-Anness II tad-Direttiva 91/440, id-distribuzzjoni ġdida ta' binarji teħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet relatati mal-allokazzjoni ta' binarji.

39 F'dan il-każ, fil-Lussemburgu, l-allokazzjoni ta' drittijiet għal kapaċità partikolari taħt il-forma ta' binarji hija funzjoni essenzjali mogħtija esklużivament lil organu ta' allokazzjoni, jiġifieri l-ALF. Skont dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni Lussemburgiża, fil-każ ta' tfixkil tat-traffiku, ta' urġenza u ta' neċessità assoluta, jew minħabba kull fatt ieħor li jipprekludi l-użu tal-infrastruttura f'kundizzjonijiet normali ta' sigurtà, l-amministratur tal-infrastruttura, jiġifieri ċ-CFL, jadotta l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura l-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni normali u l-binarji allokati jistgħu wkoll jitneħħew matul iż-żmien neċessarju għat-tiswija tal-installazzjonijiet jew sabiex jintemm il-fatt li ħoloq il-waqfien tal-ċirkulazzjonijiet. F'dan il-każ, hija l-ALF li għandha tagħmel allokazzjoni ġdida ta' binarji.

40 Minbarra dan, il-punt 4.8.2 tad-DRN jippreċiża li, meta ċirkulazzjoni ma tkunx tista' tosserva l-iskeda inizjalment prevista, f'ebda każ l-uffiċċju tas-SĠR ma jalloka binarju ġdid.

41 Għalhekk, jirriżulta minn din il-leġiżlazzjoni li allokazzjoni ġdida ta' binarji ma ġietx applikata u li, peress li din tirriżulta neċessarja, hija ser titwettaq mill-ALF.

42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-leġiżlazzjoni Lussemburgiża fil-qasam tal-ferrovija ma hijiex konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 91/440 u l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2001/14, minħabba l-fatt li dawn jippermettu lis-SĠR, li hija entità li tagħmel parti miċ-CFL, li tadotta l-miżuri neċessarji għall-istabbiliment mill-ġdid taċ-ċirkulazzjoni normali, fil-każ ta' tfixkil tat-traffiku jew ta' perikolu.

43 Jirriżulta minn dak kollu li ntqal li r-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

44 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem